**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 4**
**Appell Nru: 232/2000**

**Il-Pulizija ( Spettur Raymond D'Anastas )**

**Vs**

**PETER DE RAFFAELE**

**Illum, 25 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Peter De Raffaele talli fil-5 ta'Lulju, 1999, ghal habta tas-1.00 a.m., waqt li kien gewwa il-"Havana", li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan, (**1**) hebb ghal Elizabeth Joseph sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-persuna, (**2**) fl-istess data, hin u lok, ikkaguna griehi ta'natura hafifa fuq il-persuna ta'Elizabeth Joseph skond ma ccertifika Dr. Mark Grima M.D. ta' Hal-Ghaxaq, (**3**) fl-istess data, hin u lok, qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku, (**4**) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamilha ta' gwardjan privat minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u (**5**) bhala ufficcjal pubbliku jew impjegat pubbliku, ikkommetta reati li hu kellu josserva li ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fl-20 ta'Ottubru, 2000, li biha filwaqt li ma sabetx htija f'Peter De Raffaele fir-raba akkuza w illiberatu minnha, sabitu hati fil-bqija ta' l-akkuzi dedotti kontrih u kkundannatu ghal disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn, kif ukoll ordnat l-interdizzjoni temporanja tieghu ghall-hames snin.

Rat ir-rikors t'appell ta' Peter De Raffaele datat 31 ta'Ottubru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha u thassarha fil-parti fejn sabitu hati biex b'hekk jigi liberat mill-akkuzi kollha, u, fin-nuqqas, f'kaz li tinstab htija, tbiddel l-piena nflitta.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Bazikament dak li qed jilmenta minnu l-appellant hu li in bazi tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, hi ma setghet qatt legalment u ragjonevolment tikkonkludi billi ssib htija fih. Din, ghalhekk, hi kollha kemm hi kwistjoni ta'apprezzament tal-provi.

Issa kif hu maghruf, hu eccezzjonalment li din il-Qorti ta'Revizjoni tasal biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet, hlief meta jidrilha li dak l-apprezzament kien wiehed manifestament hazin, b'konkluzzjonijiet daqstant hziena.

Hu ghal dan l-iskop li din il-Qorti taghmel ukoll l-apprezzament taghha tal-provi, tenut dejjem kont tal-fatt li l-ewwel Qorti kienet f'posizzjoni ta'vantagg fuq din il-Qorti fl-apprezzament tax-xhieda specjalment ghal dik li hi l-kredibilita' taghhom.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa dak kollu li qalu x-xhieda f'dawn il-proceduri, inkluz ovvjament dak li xehed l-istess appellant, allura imputat, u x-xhieda minnu prodotti.

Jirrizulta ghal din il-Qorti li l-unika xhud li ppuntat lejn l-appellant bhala l-persuna li aggredixxa lill-Elizabeth Joseph kienet propju din Joseph stess. Kuntrarjament ghal dak li qalghet l-ewwel Qorti, din ma giet korroborata minn hadd u minn ebda cirkostanza ta'fatt. Anke Anthony Magri li kien maghha matul l-incident in kwistjoni, li l-ewwel Qorti qalghet li wkoll identifika lill-appellant bhala l-persuna li aggredit lill-Elizabeth Joseph, fil-fatt ma kienx daqshekk cert, u wera dubju f'aktar minn okkazzjoni wahda dwar il-vera identita' ta'min kien l-allegat aggressur. Kull ma qal dan ix-xhud kien li l-persuna li allegatament aggredixxa lill-Joseph kellha statura bhal ta' l-appellant, u, sostanzjalment, ix-xhieda tieghu bla ebda mod ma twassal sal-grad rikjest mil-ligi ghall-identifikazzjoni ta' l-appellant bhala dan l-aggressur. Fil-fatt, Magri jghid li ma ra lill-hadd jaggredixxi lil din Joseph.

L-istess, ix-xhieda l-ohra tal-prosekuzzjoni sostanzjalment jeskludu lill-appellant li kien hu li b'xi mod aggredixxa lil din Joseph u/jew li kellimha hazin. Hu minnu li l-appellant kien fil-vicinanzi ta' l-incident in kwistjoni, izda dan il-fatt wahdu ma jwassal imkien.

Dwar ix-xhud principali msemmija, Elizabeth Joseph, minn dak li setghet tara din il-Qorti, din hi xhud li ma tghatiex affidabilita'. Apparti li jirrizulta li fil-hin ta' l-incident in kwistjoni, huwa ferm probabbli li kienet xi ftit xurbana, ix-xhieda taghha hija wahda konfuzjonarja w konflingenti. Hija xhieda li effettivament hi meruta minn xhieda ohra, minn fatti w cirkostanzi ohra, xhieda li ma ssib ebda forma ta'korroborazzjoni. Per ezempju, hi tallega b'certezza li kien it-tieni wiehed mill-bouncers tal-Havana Club li kien aggrediha, li laqatha fuq rasha

in-naha tal-lemin, u b'daqstant certezza tghid li kienet qed tgharaf lill-appellant bhala dan it-tieni bouncer li kien aggrediha w anke iddeskriviet kif kien liebes, cioe', l-uniformi li l-bouncers ta' dan l-istabbiliment jilbsu. Issa jirrizulta b'mod ferm manifest mix-xhieda ta'Margaret Azzopardi, manageress ta' dan il-club u nkarigata mill-impjegati ta' dak il-lokal, li l-appellant qatt ma kellu xi impieg ma' dak il-club. Din xehdet li fil-gurnata w hin in kwistjoni meta gara l-incident li fih kienet involuta Elizabeth Joseph, iz-zewg bouncers li kienu qed jahdmu hemmhekk zgur ma kienux jinkludu lill-appellant. Ghalhekk, jekk din Joseph hi daqshekk certa li kien it-tieni bouncer liebes kollu iswed, bil-logo tal-Havana fuq sidru, li kien aggrediha, logikament dan ifisser li dan qatt ma setgha kien l-appellant ghaliex (**1**) hu qatt ma kien impjegat mal-Havana Club la bhala bouncer, u lanqas f'xi forma ta'impieg iehor (**2**) kien hemm zewg bouncers li xehdu f'dawn il-proceduri li kienu xoghol fil-Havana fil-hin ta' l-incident u li jeskludu lill-appellant b'mod assolut, (**3**) l-appellant ma kienx liebes xi ilbies bhal dak deskritt minn Joseph, izda kien liebes jeans u qmis sewda bir-rigi li giet esebita minnu. Hemm aktar cirkostanzi ohra fix-xhieda ta' din Elizabeth Joseph li jhallu dubju ferm aktar minn ragjonevoli fil-verzjoni tal-fatti, apparti c-cirkostanza appena msemmija. Sostanzjalment ix-xhieda taghha hi wahda inveritiera li zgur ma tistghax twassal ghal konvinciment morali. Hija xhieda dubjuza, nieqsa mis-sewwa w meruta minn fatti w provi ohra. Hu f'dan l-isfond li din il-Qorti ma tistghax tifhem kif l-ewwel Qorti waslet sabiex b'mod ragjonevoli ssib responsabilita' kriminali fl-appellant in bazi ta' dawn il-provi.

Hu car li l-ewwel Qorti impressjonat ruha bl-attakk nervuz u biki ta' din Elizabeth Joseph waqt li kienet qed tixhed quddiemha; izda, kif hu ben saput, l-ebda gudikand ma ghandu jhalli lilu nnifsu jigi mpressjonat b'xeni simili, aktar u aktar meta Qorti tasal biex issemmi xeni bhal dawn fis-sentenza taghha bhala ragunijiet l-ghaliex, skond hi, qieset dik ix-xhieda, moghtija f'tali cirkostanzi, bhala wahda kredibbli.

Din il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tghid aktar dwar dan il-kaz, hlief li l-appellant ghandu ragun. Il-provi li hemm fl-atti certament mhux provi li in bazi taghhom Qorti tista' tasal sabiex issib htija fih b'mod ragjonevoli. Il-provi huma biss dawk li hemm fl-atti, u jekk tonqos xi prova importanti, din ma tista' qatt tigi sostitwitha b'xi kongetturi, b'xi konkluzzjoni mehuda gratuwitament, b'xi asserzjoni ta' xi fatt li ma jirrizultax mill-provi prodotti.

Ghalhekk il-Qorti tilqa' l-appell ta' Peter De Raffaele w, filwaqt li qed tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha, qed thassarha w tirrevokaha fil-bqija, biex b'hekk l-appellant qed jigi liberat minn kull akkuza, htija w piena. Konsegwentement kull ordni moghti mill-ewwel Qorti riferibbilment ghall-interdizzjonji temporanja ta' l-appellant qed tigi revokata wkoll.

Aldo Testone
Deputat Registratur